SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

19 ta' Settembru 2019*

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 49 TFUE – Libertà ta' stabbiliment – Attività bħala persuna li taħdem għal rasha – Ċittadina ta' Stat Membru li waqfet milli teżerċita l-attività tagħha bħala persuna li taħdem għal rasha minħabba limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji ta' tqala u mal-effetti tal-ħlas – Żamma tal-kwalità ta' persuna li teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha"

Fil-Kawża C-544/18,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tal-Appelli Amministrattivi), ir-Renju Unit), permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Awwissu 2018, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-20 ta' Awwissu 2018, fil-proċedura

Her Majesty's Revenue and Customs

vs

Henrika Dakneviciute,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn M. Vilaras (Relatur), President tal-Awla, K. Jürimäe, D. Šváby, S. Rodin u N. Piçarra, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: G. Pitruzzella,

Reġistratur: C. Strömholm, Amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-5 ta' Ġunju 2019,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal H. Dakneviciute, minn T. Holdcroft, advocate, kif ukoll minn D. Rutledge u A. Berry, barristers,

– għall-Gvern tar-Renju Unit, minn S. Brandon u Z. Lavery, bħala aġenti, assistiti minn G. Ward, barrister,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn E. Montaguti, L. Armati u J. Tomkin, bħala aġenti,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 49 TFUE.

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn Her Majesty's Revenue and Customs (l-Awtorità Fiskali u Doganali, ir-Renju Unit) u Henrika Dakneviciute dwar ir-rifjut ta' din l-awtorità li tagħtiha allowance fil-ġimgħa għal wild dipendenti.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttiva 2004/38/KE

3 Skont l-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46):

"Din id-Direttiva tistabbilixxi:

(a) il-kondizzjonijiet li jirregolaw l-eżerċizzju tad-dritt tal-moviment liberu u ta' residenza fit-territorju ta' l-Istati Membri miċ-ċittadini ta' l-Unjoni u mill-membri tal-familja tagħhom".

4 L-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, intitolat "Dritt ta' residenza ta' aktar minn tliet xhur", jipprevedi, fil-paragrafi 1 u 3 tiegħu:

"1. Iċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni għandhom id-dritt ta' residenza fit-territorju ta' Stat Membru ieħor għal perjodu ta' aktar minn tliet xhur jekk huma:

(a) ħaddiema jew nies li jaħdmu għal rashom fl-Istat Membru ospitanti […]

[…]

3. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1(a), ċittadin ta' l-Unjoni li m'għadux jaħdem jew li m'għadux jaħdem għal rasu għandu jżomm l-istatus ta' ħaddiem jew ta' persuna li taħdem għal rasha fiċ-ċirkostanzi li ġejjin:

(a) il-persuna kkonċernata ma tistax taħdem għal żmien temporanju minħabba mard jew inċident;

(b) il-persuna kkonċernata, wara li tkun spiċċat involontarjament bla xogħol wara li ħadmet għal aktar minn sena, tirreġistra bħala persuna li qed tfittex xogħol ma' l-uffiċċju ta' l-impjieg rilevanti;

(ċ) il-persuna kkonċernata spiċċat involontarjament bla xogħol wara li lestiet kuntratt ta' xogħol għal żmien fiss ta' anqas minn sena jew wara li spiċċat involontarjament bla xogħol matul l-ewwel tnax-il xahar u rreġistrat bħala persuna li qed tfittex xogħol ma' l-uffiċċju ta' l-impjieg rilevanti. F'dan il-każ, l-istatus ta' ħaddiem għandu jinżamm għal perjodu li mhux inqas minn sitt xhur;

[…]"

5 L-Artikolu 16(1) u (3) tal-imsemmija direttiva jipprovdi:

"1. Iċ-ċittadin ta' l-Unjoni li għex legalment għal perjodu kontinwu ta' ħames snin fl-Istat Membru ospitanti għandu d-dritt ta' residenza permanenti hemmhekk. […]

[…]

3. Il-kontinwità tar-residenza m'għandhiex tintlaqat minn assenzi temporanji li ma jaqbżux is-sitt xhur f'sena, jew minn assenzi ta' dewma itwal għal servizz militari obbligatorju, jew minn assenza waħda ta' massimu ta' 12-il xahar konsekuttivi għal raġunijiet importanti bħal tqala u maternità, mard serju, studju jew taħriġ professjonali, jew kariga fi Stat Membru ieħor jew pajjiż terz."

Id-Direttiva 2010/41/UE

6 Skont il-premessa 18 tad-Direttiva 2010/41/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn l-irġiel u n-nisa li jeżerċitaw attività li fiha jaħdmu għal rashom u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 86/613/KEE (ĠU 2010, L 180, p. 1):

"Il-vulnerabbiltà ekonomika u fiżika ta' nisa tqal li jaħdmu għal rashom u ta' konjuġi tqal […] tirriżulta fil-ħtieġa tagħhom li jingħataw id-dritt tal-benefiċċji tal-maternità […]"

7 L-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li nisa li jaħdmu għal rashom […] ikunu jistgħu, skont il-liġi nazzjonali, jingħataw allowance tal-maternità li tkun biżżejjed biex tippermettilhom li jinterrompu l-attività tax-xogħol tagħhom minħabba t-tqala jew minħabba l-maternità għal mhux inqas minn 14-il ġimgħa."

Id-dritt tar-Renju Unit

Ir-Regolament tal-2006 dwar l-Immigrazzjoni (Żona Ekonomika Ewropea)

8 L-Artikolu 14(1) tal-Immigration (European Economic Area) Regulations 2006 (ir-Regolament tal-2006 dwar l-Immigrazzjoni (Żona Ekonomika Ewropea)), fil-verżjoni applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, kien jagħti dritt ta' residenza fir-Renju Unit għal iktar minn tliet xhur lil kull "persuna kkwalifikata".

9 Konformement mal-Artikolu 6(1)(b) u (c) ta' dan ir-regolament, il-ħaddiema impjegati u l-ħaddiema li jaħdmu għal rashom jaqgħu taħt il-kunċett ta' "persuna kkwalifikata".

10 L-Artikolu 6(2) tal-imsemmi regolament kien jipprevedi li l-kwalità ta' "ħaddiem impjegat" tinżamm jekk il-persuna kkonċernata tinsab fl-inkapaċità temporanja li teżerċita impjieg minħabba mard jew inċident, jew (taħt ċerti kundizzjonijiet) jekk tinsab involontarjament bla xogħol jew inkella jekk tkun waqfet taħdem volontarjament u bdiet taħriġ professjonali marbut mal-impjieg preċedenti tagħha.

11 Fir-rigward tal-kwalità ta' "ħaddiem li jaħdem għal rasu", l-Artikolu 6(3) tal-istess regolament kien jipprevedi li din il-kwalità tinżamm jekk il-persuna kkonċernata tinsab fl-inkapaċità temporanja li teżerċita impjieg minħabba mard jew inċident.

Il-Liġi tal-1992 dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali

12 Skont l-Artikolu 146(2) u (3) tas-Social Security Contributions and Benefits Act 1992 (il-Liġi tal-1992 dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali):

"2) Ebda persuna ma tista' tkun intitolata għal benefiċċju fil-ġimgħa ta' allowances tal-familja sakemm ma tkunx tinsab fil-Gran Brittanja matul il-ġimgħa kkonċernata.

3) Jistgħu jiġu ddeterminati ċirkustanzi li fihom kull persuna għandha tiġi ttrattata għall-finijiet [tal-paragrafu 2] bħala li tinsab, jew bħala li ma tinsabx, fil-Gran Brittanja."

Ir-Regolament (Ġenerali) tal-2006 dwar l-Allowances tal-Familja

13 Il-paragrafu 4 tar-Regola Nru 23 taċ-Child Benefit (General) Regulations 2006 (ir-Regolament (Ġenerali) tal-2006 dwar l-Allowances tal-Familja) jipprovdi:

"Persuna għandha titqies bħala li ma tinsabx fil-Gran Brittanja għall-finijiet tal-Artikolu 146(2) [tal-Liġi tal-1992 dwar il-Kontribuzzjonijiet u l-Benefiċċji tas-Sigurtà Soċjali] meta titlob li tibbenefika minn allowances tal-familja b'effett mill-1 ta' Mejju 2004 u

(a) ma jkollhiex id-dritt li tirrisjedi fir-Renju Unit; […]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

14 H. Dakneviciute hija ċittadina Litwana li ilha mill-2011 taħdem billejl, bħala persuna impjegata, fir-Renju Unit. Wara li saret taf li kienet tqila f'Diċembru 2013, hija ddeċidiet li teżerċita, b'effett mill-25 ta' Diċembru 2013, attività bħala persuna li taħdem għal rasha, bħala beautician.

15 Hija bbenefikat minn allowance tal-maternità b'effett mill-11 ta' Mejju 2014. Il-wild tagħha twieled fit-8 ta' Awwissu 2014.

16 Wara perijodu li matulu ma kinitx attiva, jiġifieri bejn it-22 ta' Lulju 2014 u l-aħħar ta' Ottubru 2014, H. Dakneviciute eżerċitat attività marġinali bħala beautician li taħdem għal rasha qabel ma waqqfet din l-attività minħabba li d-dħul kien sar insuffiċjenti. Hija għalhekk ressqet, fl-10 ta' Frar 2015, talba għall-allowance għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg, qabel ma reġgħet bdiet attività bħala persuna impjegata f'April 2015.

17 Fil-frattemp, fis-27 ta' Awwissu 2014, H. Dakneviciute ressqet talba għall-allowance fil-ġimgħa għal wild dipendenti. Permezz ta' deċiżjoni tal-1 ta' Frar 2015, din it-talba ġiet miċħuda għar-raġuni li, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli, hija ma kellhiex dritt ta' residenza suffiċjentement stabbilit sabiex tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa sabiex tkun tista' tibbenefika minn dan il-benefiċċju soċjali.

18 Din id-deċiżjoni ġiet annullata fid-29 ta' Settembru 2015 mill-First-tier Tribunal (il-Qorti tal-Ewwel Istanza, ir-Renju Unit). L-Awtorità Fiskali u Doganali, bħala l-awtorità li tamministra l-allowances tal-familja, appellat minn din is-sentenza quddiem il-qorti tar-rinviju, l-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tal-Appelli Amministrattivi), ir-Renju Unit).

19 Permezz ta' deċiżjoni interlokutorja tat-12 ta' Jannar 2017, il-qorti tar-rinviju annullat is-sentenza tal-First-tier Tribunal (il-Qorti tal-Ewwel Istanza) minħabba li kienet ivvizzjata bi żball ta' liġi. Fil-fatt, il-qorti tar-rinviju qieset li, bejn it-22 ta' Lulju 2014 u d-9 ta' Frar 2015, l-attività ekonomika eżerċitata minn H. Dakneviciute kienet marġinali, b'tali mod li din kienet waqfet milli tkun ekonomikament attiva matul dan il-perijodu. Skont il-qorti tar-rinviju, ma huwiex ikkontestat, minn naħa, li l-waqfien ta' kull attività minn H. Dakneviciute kien dovut għal-limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-effetti tal-ħlas tagħha u, min-naħa l-oħra, li r-ritorn tagħha għal attività ekonomika, l-ewwel bħala persuna li tfittex impjieg u mbagħad bl-eżerċizzju ta' attività bħala persuna impjegata, seħħ f'perijodu ta' żmien raġonevoli wara t-twelid tal-wild tagħha.

20 Wara li fakkret li, fis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix (C-507/12, EU:C:2014:2007), il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li mara li tieqaf mix-xogħol jew milli tfittex impjieg minħabba limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha jew mal-effetti tal-ħlas iżżomm il-kwalità tagħha ta' "ħaddiem", fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE, kemm-il darba terġa' tibda taħdem jew issib impjieg ieħor f'perijodu ta' żmien raġonevoli wara t-twelid tal-wild tagħha, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar jekk din is-soluzzjoni tistax tiġi trasposta għall-persuni li jkunu eżerċitaw il-libertà ta' stabbiliment tagħhom taħt l-Artikolu 49 TFUE.

21 F'dan ir-rigward, il-qorti tar-rinviju tindika li, wara l-għoti tas-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Gusa (C-442/16, EU:C:2017:1004), il-partijiet fil-kawża prinċipali kkomunikawlha osservazzjonijiet supplimentari fejn sostnew pożizzjonijiet opposti dwar l-applikazzjoni tas-soluzzjoni mogħtija fl-imsemmija sentenza. Skont l-Awtorità Fiskali u Doganali, din is-soluzzjoni ma tistax tiġi trasposta għas-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali sa fejn, b'mod partikolari, persuna li teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha ma hijiex obbligata twettaq personalment ix-xogħol tagħha u għandha l-possibbiltà tkompli l-attività tagħha b'mezzi oħra, inkluż billi ssib persuna oħra li tissostitwixxiha. Skont H. Dakneviciute, il-kunsiderazzjonijiet esposti fil-punti 36 u 40 sa 44 tas-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Gusa (C-442/16, EU:C:2017:1004), jikkorroboraw, għall-kuntrarju, it-teżi li l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni li tirriżulta mis-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix (C-507/12, EU:C:2014:2007), tista' tiġi trasposta għall-persuni li jeżerċitaw attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom.

22 Huwa f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Upper Tribunal (Administrative Appeals Chamber) (il-Qorti Superjuri (Awla tal-Appelli Amministrattivi)) iddeċidiet li tissospendi l-proċedura quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"F'sitwazzjoni fejn ċittadina tal-Unjoni, li jkollha n-nazzjonalità ta' Stat Membru:

(1) tkun tinsab [fit-territorju] ta' Stat Membru ieħor (l-Istat Membru ospitanti);

(2) eżerċitat attività fl-Istat Membru ospitanti bħala ħaddiema li taħdem għal rasha, fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE;

(3) ibbenefikat minn allowance tal-maternità b'effett minn Mejju 2014 (f'mument li fih il-persuna kkonċernata qieset li kellha kapaċità limitata li taħdem minħabba t-tqala tagħha);

(4) ikun ġie kkonstatat fir-rigward tagħha li waqfet effettivament u realment milli teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha b'effett minn Lulju 2014;

(5) welldet f'Awwissu 2014, u

(6) ma reġgħetx bdiet attività effettiva u reali bħala persuna li taħdem għal rasha matul il-perijodu wara l-ħlas u qabel it-talba tagħha għal-benefiċċju tal-allowance għall-persuni li jkunu qegħdin ifittxu impjieg fi Frar 2015 bħala persuna li qiegħda tfittex impjieg;

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li tali persuna, li tieqaf taħdem għal rasha minħabba l-limitazzjonijiet fiżiċi fl-istadji avvanzati tat-tqala u fiż-żmien ta' wara t-twelid, iżżomm l-istatus ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu, fis-sens ta' dan l-artikolu, bil-kundizzjoni li terġa' tibda twettaq attività ekonomika jew tfittex impjieg f'terminu raġonevoli wara t-twelid tal-wild tagħha?"

Fuq id-domanda preliminari

23 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju qiegħda essenzjalment tistaqsi jekk l-Artikolu 49 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li mara, li tieqaf milli teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha minħabba limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-effetti tal-ħlas, iżżomm il-kwalità tagħha ta' persuna li teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha, kemm-il darba terġa' tibda din l-attività jew issib attività oħra bħala persuna li taħdem għal rasha jew impjieg f'perijodu ta' żmien raġonevoli wara t-twelid tal-wild tagħha.

24 Preliminarjament, għandu jitfakkar li, sabiex tistabbilixxi jekk, f'dan il-każ, H. Dakneviciute tistax tibbenefika mid-dritt għall-allowance fil-ġimgħa għal wild dipendenti previst fir-Regolament (Ġenerali) tal-2006 dwar l-Allowances tal-Familja, il-qorti tar-rinviju għandha tkun taf jekk, fil-perijodu bejn it-22 ta' Lulju 2014 u d-9 ta' Frar 2015, perijodu li matulu, skont il-fatti kkonstatati mill-qorti tar-rinviju, H. Dakneviciute waqfet u mbagħad kompliet attività marġinali bħala persuna li taħdem għal rasha minħabba limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-effetti tal-ħlas, H. Dakneviciute kellhiex, bis-saħħa tad-dritt tal-Unjoni, dritt ta' residenza fir-Renju Unit.

25 F'dan ir-rigward, għandu jiġi osservat li d-Direttiva 2004/38 tikkostitwixxi att leġiżlattiv uniku, li jikkodifika u jirrevedi l-istrumenti tad-dritt tal-Unjoni preċedenti, bil-għan li jiġi ffaċilitat l-eżerċizzju tad-dritt fundamentali u individwali taċ-ċittadini tal-Unjoni li jiċċaqilqu u li jirrisjedu b'mod liberu fit-territorju tal-Istati Membri (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix, C-507/12, EU:C:2014:2007, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

26 B'hekk, mill-Artikolu 1(a) tad-Direttiva 2004/38 jirriżulta li din tal-aħħar hija intiża li tispeċifika l-kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tal-imsemmi dritt, li jinkludu b'mod partikolari, fir-rigward ta' soġġorni għal iktar minn tliet xhur, il-kundizzjoni stabbilita fl-Artikolu 7(1)(a) ta' din id-direttiva. Skont l-imsemmija kundizzjoni, iċ-ċittadini tal-Unjoni għandu jkollhom il-kwalità ta' ħaddiem impjegat jew ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu fl-Istat Membru ospitanti (sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix, C-507/12, EU:C:2014:2007, punt 26).

27 Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2004/38, li jispeċifika l-każijiet li fihom ċittadin tal-Unjoni li ma jkunx għadu jeżerċita attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha jżomm, xorta waħda, din il-kwalità, kif ukoll id-dritt ta' residenza li jikkorrispondi magħha, ma jkoprix il-każ ta' mara li tieqaf temporanjament mix-xogħol minħabba l-aħħar stadji tat-tqala tagħha u minħabba l-effetti tal-ħlas (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix, C-507/12, EU:C:2014:2007, punt 30).

28 Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja qieset li l-Artikolu 7(3) tad-Direttiva 2004/38 ma jelenkax b'mod eżawrjenti ċ-ċirkustanzi li fihom ċittadin tal-Unjoni li ma jkunx għadu jeżerċita attività bħala persuna impjegata jew bħala persuna li taħdem għal rasha fl-Istat Membru ospitanti jżomm xorta waħda l-kwalità ta' "ħaddiem", għall-finijiet tal-paragrafu 1(a) ta' dan l-artikolu u, għaldaqstant, id-dritt ta' residenza li jirriżulta minn din il-kwalità (sentenza tal-11 ta' April 2019, Tarola, C-483/17, EU:C:2019:309, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata).

29 B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-fatt li l-limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-effetti immedjati tal-ħlas jobbligaw lil mara tieqaf mill-attività tagħha bħala persuna impjegata matul il-perijodu meħtieġ sabiex tirkupra ma huwiex, bħala prinċipju, ta' natura li jċaħħadha mill-kwalità tagħha ta' "ħaddiem", fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE. Fil-fatt, il-fatt li

tali persuna ma kinitx effettivament preżenti fis-suq tax-xogħol fl-Istat Membru ospitanti għal numru ta' xhur ma jimplikax li din il-persuna ma baqgħetx tagħmel parti minn dan is-suq matul dan il-perijodu, kemm-il darba terġa' tibda x-xogħol tagħha jew issib impjieg ieħor f'perijodu raġonevoli wara l-ħlas (sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix, C-507/12, EU:C:2014:2007, punti 40 u 41).

30 F'dan il-każ, il-qorti tar-rinviju għandha dubju dwar jekk l-interpretazzjoni esposta fil-punt preċedenti, żviluppata fil-kuntest ta' sitwazzjoni li taqa' taħt l-Artikolu 45 TFUE, tistax tiġi trasposta għall-każ ta' persuna li teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha taħt l-Artikolu 49 TFUE.

31 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikoli 45 TFUE u 49 TFUE jiżguraw l-istess protezzjoni legali u għalhekk il-klassifikazzjoni tal-mod tal-eżerċizzju tal-attività ekonomika ma għandha l-ebda konsegwenza (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-5 ta' Frar 1991, Roux, C-363/89, EU:C:1991:41, punt 23).

32 Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, id-dispożizzjonijiet kollha tat-Trattat dwar il-moviment liberu tal-persuni huma intiżi li jiffaċilitaw, għaċ-ċittadini tal-Unjoni, l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali ta' kwalunkwe natura fit-territorju tal-Unjoni u jipprekludu l-miżuri li jistgħu jiżvantaġġaw lil dawn iċ-ċittadini meta jkunu jixtiequ jeżerċitaw attività fit-territorju ta' Stat Membru li ma jkunx l-Istat Membru ta' oriġini tagħhom (sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Simma Federspiel, C-419/16, EU:C:2017:997, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

33 Issa, ċittadina tal-Unjoni tkun dissważa milli teżerċita d-dritt ta' moviment liberu tagħha jekk, fil-każ li tkun tqila fl-Istat Membru ospitanti u, għalhekk, tieqaf milli teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha, anki jekk għal żmien qasir, ikollha r-riskju li titlef il-kwalità tagħha ta' ħaddiem li jaħdem għal rasu f'dan l-Istat (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix, C-507/12, EU:C:2014:2007, punt 44).

34 Minn dan isegwi li mara li tinsab fis-sitwazzjoni deskritta fil-punt 29 ta' din is-sentenza għandha tkun tista', fl-istess kundizzjonijiet, iżżomm il-kwalità tagħha ta' persuna li teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha fis-sens tal-Artikolu 49 TFUE.

35 Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-persuni li jeżerċitaw attività bħala persuni impjegati u l-persuni li jeżerċitaw attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom jinsabu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà komparabbli meta jkunu mġiegħla jieqfu mill-attività tagħhom u, għalhekk, ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' differenza fit-trattament fir-rigward taż-żamma tad-dritt ta' residenza tagħhom fl-Istat Membru ospitanti (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-20 ta' Diċembru 2017, Gusa, C-442/16, EU:C:2017:1004, punti 42 u 43).

36 Issa, in-nisa li joħorġu tqal jinsabu f'sitwazzjoni ta' vulnerabbiltà komparabbli, kemm jekk jeżerċitaw attività bħala persuni impjegati u kemm jekk jeżerċitaw attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom.

37 F'dan id-dawl, il-leġiżlatur tal-Unjoni rrikonoxxa espliċitament, fil-premessa 18 tad-Direttiva 2010/41, l-istat ta' vulnerabbiltà ekonomika u fiżika, matul it-tqala, tal-ħaddiema nisa li jaħdmu għal rashom. Huwa għalhekk li l-Artikolu 8(1) ta' din id-direttiva jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex in-nisa li jeżerċitaw attività bħala persuni li jaħdmu għal rashom ikun jista' jkollhom dritt għal allowance tal-maternità suffiċjenti li tippermettilhom iwaqqfu l-attività professjonali tagħhom minħabba t-tqala u l-maternità, f'kundizzjonijiet analogi għal dawk previsti għall-ħaddiema nisa impjegati.

38 L-argument imressaq quddiem il-qorti tar-rinviju mill-Awtorità Fiskali u Doganali u mtenni matul is-seduta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja mill-Gvern tar-Renju Unit, fis-sens, essenzjalment, li mara li ma tistax teżerċita personalment attività bħala persuna li taħdem għal rasha, minħabba limitazzjonijiet marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-ħlas, tista' ssib temporanjament persuna oħra li

tissostitwixxiha fl-eżerċizzju ta' din l-attività, ma jistax iwassal għal konklużjoni differenti. Fil-fatt, ma jistax jiġi preżunt li tali sostituzzjoni hija possibbli f'kull każ, b'mod partikolari meta l-attività inkwistjoni timplika relazzjoni personali jew relazzjoni bbażata fuq il-fiduċja ma' klijent.

39 Minn dan isegwi li mara li tieqaf milli teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha minħabba limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-effetti tal-ħlas tagħha ma tistax tkun is-suġġett ta' differenza fit-trattament, fir-rigward taż-żamma tad-dritt ta' residenza tagħha fl-Istat Membru ospitanti, meta mqabbla ma' ħaddiema impjegata f'sitwazzjoni komparabbli.

40 Barra minn hekk, il-kunsiderazzjonijiet preċedenti huma kkorroborati mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 16(3) tad-Direttiva 2004/38. Sa fejn assenza dovuta għal avveniment importanti bħalma hu t-tqala jew il-ħlas ma taffettwax il-kontinwità tas-soġġorn ta' ħames snin fl-Istat Membru ospitanti meħtieġa sabiex jingħata d-dritt ta' residenza permanenti, il-limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala u mal-effetti immedjati tal-ħlas, li jobbligaw lil mara tieqaf temporanjament mix-xogħol, ma jistgħux, *a fortiori*, jimplikaw li din titlef il-kwalità tagħha ta' persuna li teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha (ara, b'analoġija, is-sentenza tad-19 ta' Ġunju 2014, Saint Prix, C-507/12, EU:C:2014:2007, punti 45 u 46).

41 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda magħmula hija li l-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li mara, li tieqaf milli teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha minħabba limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-effetti tal-ħlas, iżżomm il-kwalità tagħha ta' persuna li teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha, kemm-il darba terġa' tibda din l-attività jew issib attività oħra bħala persuna li taħdem għal rasha jew impjieg f'perijodu ta' żmien raġonevoli wara t-twelid tal-wild tagħha.

Fuq l-ispejjeż

42 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 49 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li mara, li tieqaf milli teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha minħabba limitazzjonijiet fiżiċi marbuta mal-aħħar stadji tat-tqala tagħha u mal-effetti tal-ħlas, iżżomm il-kwalità tagħha ta' persuna li teżerċita attività bħala persuna li taħdem għal rasha, kemm-il darba terġa' tibda din l-attività jew issib attività oħra bħala persuna li taħdem għal rasha jew impjieg f'perijodu ta' żmien raġonevoli wara t-twelid tal-wild tagħha.

Firem